MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1794/2014/1

**Guido Fenech, Jane Bone, Maryanne Grixti**

**vs**

**Ernest u Bernardette konjugi Azzopardi**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati li gie milqugh provizorjament fil-11 ta' Novembru 2014;

Rat ir-risposta tal-intimati li opponew ghal hrug tal-mandat;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Dan il-mandat qed jintalab ghaliex ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-intimati fil-kors tal-izvilupp tal-proprjeta taghhom f’sit fi Triq il-Warda, Qrendi, adjacenti ghal dak tar-rikorrenti invadew l-art proprjeta tar-rikorrenti li in parti tappartjeni wkoll indivizament lil intimata Bernardette Azzopardi.

Il-partijiet jaqblu li ghalkemm gia kien hemm mandat ta’ inibizzjoni 914/2014 segwit minn ftehim datat 6 ta’ Ottubru 2014 pero dan ma jirriferix ghall-istess parti tal-art li fuqha intalab il-hrug tal-mandat odjern izda ghal parti ohra ghalkemm tal-istess sit.

Ir-rikorrenti ipprezentaw rapport tal-perit Valerio Schembri li wara li elenka l-fatti li waslu ghal ftehim tas-6 ta' Ottubru 2014, irreleva illi fil-fehma tieghu l-intimati waqqghu selhiet tal-hamrija b'dannu ghal proprjeta tar-rikorrenti u flok stabbilew ir-rinforz, taw il-konkos fuq art tal-istess rikorrenti. In oltre qed jibdew itellghu hitan minghajr ma giet stabbilita l-linja divizorja bejn il-partijiet. Il-perit esebixxa ritratti in sostenn ta' dak allegat. Izid li qed issir hsara lil xelter fis-sottoswuol accessibbli mill-art tar-rikorrenti u jekk ix-xoghol ma jitwaqqafx ma hux ser ikun possibbli li x-xelter fil-blat jigi ristabbilit.

L-intimati jopponu ghat-talba billi jsostnu illi ma sar ebda bini u uzurpazzjoni tal-art u illi ma jezisti ebda xelter u ghalhekk ebda hsara ma saret. L-intimati jaghmlu wkoll sottomissjonijiet konnessi mal-mandat 914/2014 pero tali sottomissjonijiet fil-fehma tal-Qorti mhux relevanti ghal kaz odjern peress illi l-parti tal-art mertu tal-mandat odjern hu f'parti differenti u r-rapport tal-perit Schembri jsemmi l-mandat 914/2014 u l-ftehim tas-6 ta' Ottubru 2014 biex isostni illi l-intimati ma ghamlu xejn biex jigi stabbilit kif miftiehem modus vivendi bejn il-partijiet biex jigi delinejat il-linja divizorja bejniethom.

Maghdud dan din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvaw fuq bazi prima facie illi huma proprjetarji tal-art li fuqha skond il-perit mqabbad minnhom qed isir zvilupp li jilledi d-dritt taghhom ghax qed tigi uzurpata parti mill-art proprjeta taghhom. Dan qed jinghad biss ghal fini tal-hrug tal-mandat ghax il-Qorti qed tanalizza biss id-dritt vantat cioe d-dritt tal-proprjeta u l-allegat lezjoni teighu li prima facie giet murija l-prova bir-rapport peritali. Il-mertu jista' juri mod iehor meta l-kwistjoni tigi approfondita fis-sede opportun.

Il-Qorti tqis illi jekk ix-xoghol ma jitwaqqafx tista' ssir hsara irrimedjabbli billi kull forma ta' sinjal jew marka li turi l-estensjoni jew demarkazzjoni bejn l-artijiet tista' tigi

obliterata bl-izvilupp li qed isir u jidher mir-ritratti esebiti. Dan iwassal ghal pregudizzju li ma jistax jigi rimedjat minn sede ohra jew fi zmien futur.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvaw fuq bazi prima facie li ghandhom jedd ghal protezzjoni moghti bil-hrug ta’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni, u kwindi qed tilqa’ t-talba ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni billi l-intimati jinzammu milli jkomplu kull xoghol fil-proprjeta taghhom cioe fis-sit fi Triq il-Warda, Qrendi, bl-ispejjez kontra l-intimati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------